MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 512/1989/1

**Joseph Borg f'ismu proprju u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited, ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess**

**v.**

**Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Paola Development Co. Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan l-appell kien thalla ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum, 7 ta' Ottubru, 2005.

2. Is-sentenza <u>in parte</u> li tat lok ghal dan l-appell inghatat fit-18 ta' Gunju 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u ddecidiet hekk,

"**Decide**

**"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-ewwel</u> u <u>t-tieni</u> talba attrici billi, tilqa' dawn it-talbiet fis-sens li:**

**"Tiddikjara li l-attur proprio et nomine kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu ta' vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment ta' l-artijiet indikati fic-citazzjoni ghal fuq Terry Limited, u li sar b'kuntratt datat 8 ta' Dicembru 1981, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, kif ukoll ghall-iskrittura privata maghmula fl-istess data rigwardanti redenzjoni ta' cens; u li**

**"Rizultat ta' dan, l-attur proprio et nomine sofra danni kif fuq indikat, ghal-liema danni ghandha tirrispondi s-socjeta` Terry Limited; u**

**"Tichad dawn it-talbiet fil-konfront tas-socjeta` Paola Developments Co. Ltd.**

**"L-ispejjez ta' dan il-gudizzju ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta Terry Limited, hlief dawk tal-konvenuta Paola Developments Ltd. li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur pro et noe.**

**"Tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet attrici, kif ukoll fuq il-kontro talba tas-socjeta` Terry Limited."**

3. Minn din is-sentenza gew interposti zewg appelli separati, kif ukoll sar appell incidentali, kif ser jinghad:

(I) sar appell mill-"Amministratur Provvizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited, Reg. No. C4920" (sic);

(II) sar appell iehor “tat-terz HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)”; u

(III) sar appell incidentali mill-attur proprio et nomine.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

4. Minn ezami ta’ l-atti tal-kawza jirrizulta li s-sentenza appellata nghatat wara li l-imsemmija socjeta` konvenuta, kif originarjament rapprezentata, ammettiet it-talbiet attrici quddiem l-ewwel Qorti b’nota ad hoc li giet ipprezentata fis-17 ta’ Ottubru 2003, minn Joseph Pace nomine.

5. Fil-kors ta’ l-istess ezami ta’ l-atti tal-kawza, din il-Qorti ma rrizultalhiex li r-rikors datat 23 ta’ Dicembru 2003, ad istanza ta’ l-Amministratur Provvizorju tas-socjeta` Terry Limited li jissemma’ fil-verbal tal-20 ta’ Jannar 2004 (a fol. 347 tal-process) jinsab inserit fl-atti; u f’kull kaz lanqas ma jirrizultalha kjarament b’liema mod u meta (jekk dan hu tassew il-kaz) l-imsemmi Amministratur Provvizorju gie nominat/assuma l-atti ta’ din il-kawza f’isem is-socjeta` Terry Limited minflok Joseph Pace nomine.

6. Fir-rigward ta’ l-appell interpost mis-socjeta` HSBC Malta p.l.c. (C3177) jidher li l-appell taghha sar a tenur ta’ l-Artikolu 236 tal-Kap. 12, maghruf komunement bhala l-“appell tat-terz”, liema artikolu jipprovdi hekk:
“L-appell jista’ jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawza izda wkoll minn kull min ikollu interess” (sottolinear tal-Qorti).

Huwa pacifiku li sal-mument li din is-socjeta` bankarja ghamlet talba biex tkun tista’ tappella, hija ma kenitx taghmel parti mill-kawza in kwistjoni u qatt ma talbet biex tintervjeni. Fic-cirkostanzi, u ghall-ahjar istruzzjoni tal-process, din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li, qabel ma tiddelibera oltre, l-imsemmija socjeta` appellanti tispjega ahjar lil din il-Qorti x-xorta ta’ interess guridiku taghha f’din il-kawza, u dan dejjem relattivament ghall-ewwel zewg talbiet attrici, fid-dawl ta’ l-ammissjoni surreferita da parti tas-socjeta` konvenuta.

7. Fir-risposta ta' l-appell tieghu tal-21 ta' Lulju 2004, jirrizulta inoltre li l-appellat Joseph Borg proprio et nomine inter alia appella incidentalment mill-istess sentenza in kwantu huwa gie misjub responsabbli biex ihallas l-ispejjez tal-kawza riferibbilment ghas-socjeta` konvenuta Paola Developments Co. Ltd. B'nota ulterjuri pero`, in data tal-20 ta' Jannar 2005 (ara fol. 39 ta' l-atti ta' l-appell), l-istess attur appellat proprio et nomine ssottometta li kemm l-appell interpost mill-Amministratur Provvizorju ghan-nom ta' Terry Limited, kif ukoll l-appell maghmul minn HSBC Bank Malta p.l.c.,
"…huma nulli u bla effett fil-ligi stante li s-sentenza …. inghatat ukoll fuq ammissjoni da parti tal-konvenut Joseph Pace u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 228 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx appell minn ammissjoni, u ghal din ir-raguni wkoll l-appelli interposti huma frivoli u vessatorji."

**ID-DIGRIET TA' DIN IL-QORTI**

8. In vista tas-suespost, u biex din il-Qorti tkun f'qaghda ahjar li tasal ghad-decizjoni taghha, tordna kif ser jinghad:

(I) li l-hekk imsejjah "Amministratur Provvizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited" jipprezenta kopja tar-rikors tieghu tat-23 ta' Dicembru 2003, u f'kull kaz, kopja legali tad-digriet li in forza tieghu (jekk dan hu tassew il-kaz) l-imsemmi Amministratur Provvizorju gie nominat u/jew assuma formalment l-atti ta' din il-kawza f'isem is-socjeta` Terry Limited minflok Joseph Pace nomine;

(II) li s-socjeta` appellanti HSBC Malta p.l.c. (C3777) tispjega ezattament lil din il-Qorti x-xorta ta' interess guridiku f'din il-kawza relattivament ghal dik li gie deciz in parte fis-sentenza appellata; u dan b'rizerva ta' kull dritt ta' risposta min-naha tal-kontroparti, jekk ikun il-kaz;

(III) li l-appellat proprio et nomine, b'nota ad hoc, jiddikjara x'inhi ezattament il-posizzjoni tieghu llum

relattivament ghall-appell incidentali minnu interpost, darba li qieghed issa jsostni li z-zewg appelli principali huma t-tnejn “nulli u bla effett fil-ligi”;

(IV) li, in vista ta’ dan il-provvediment, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm il-partijiet jikkonformaw ruhhom ma’ dak li gie mitlub minnhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------